
INIMICITIAS PONAM INTER TE ET MULIEREM ET SEMEN TUUM ET SEMEN ILLIUS IPSUM CONTERET CAPUT TUUM
ECCE MATER TUA
MULIER ECCE FILIUS TUUS
BEATA QUAE CREDIDIT
MAGNIFICAT ANIMA MEA DOMINUM
LEGIO MARIAE
Frank Duff
7/06/1889 – 7/11/1980

Talba għall-Beatifikazzjoni tas-Serv t'Alla

# Frank Duff

Alla Missierna,

Int nebbaħt is-serv tiegħek Frank Duff biex jagħraf il-fond tal-misteru tal-Knisja tiegħek, il-Ġisem ta' Kristu, u l-post ta' Marija Omm Ġesù f'dan il-misteru.

Fix-xewqa verament kbira li huwa kellu sabiex jaqsam dan it-tagħrif mal-oħrajn u f'dipendenza li huwa ħass bħala iben ta' Marija, huwa fforma l-Leġjun tagħha sabiex ikun sinjal tal-imħabba tagħha ta' Omm għad-dinja kollha fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li l-Knisja għandha.

Aħna rroddulek ħajr, Missier, għall-grazzji li inti tajtu u għall-benefiċċji li inti xerridt fuq il-Knisja għall-merti tal-fidi tiegħu tant kbira u qawwija.

B'fiduċja sħiħa nitolbuk li bl-interċessjoni tiegħu inti tagħtina l-grazzji li nixtiequ...

Nitolbuk ukoll li, jekk din hija r-rieda tiegħek, il-qdusija tal-ħajja tiegħu tiġi magħrufa mill-Knisja għall-glorja ta' Ismek. Bi Kristu Sidna.
Amen.

*(Bl-approvazzjoni tal-Knisja)*